ĦAŻ-ŻABBAR

*Citta` Hompesch*

**Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar**

**<u>Il-Pjan tal-Ħidma</u>**

**2013 - 2015**

**Il-Werrej**


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni | 1 |
| L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri | 2 |
| L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġiji | 3 |
| Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill | 5 |
| Tbassir dwar il-Finanzi u u r-Rendiment | 7 |
| L-Iżvilupp Kapitali | 11 |

*1.0 Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni*

Bħalma jsir kull sena, il-Pjan ta' Ħidma qed jerġa' jiġi analizzat u rivedut fis-sena finanzjarja 2013 li hija l-ewwel sena ta' leġislatura tal-Kunsill li daħal fil-kariga f'April li għadda.

Matul is-sena 2013 il-Kunsill qed jistma dħul ta' €750, 246 li € 697,538 minnhom ser jidħlu mill-allokazzjoni tal-Gvern.

Il-kumplament tal-fondi mistennija jidħlu minn skemi ta' għajnuniet finanzjarji li l-Kunsill applika għalihom, kif ukoll minn Ksur ta' Bye Laws u minn dħul ġenerali ieħor. Għall-attivita' kulturali 'The Malta International Food Festival' mistennija għajnuna finanzjarja mill-Gvern ta' €5,000

L-infiq għas-sena finanzjarja 2013 ser ikun ta' €970,850 li minnhom €287, 500 ser ikun Infiq Kapitali. L-ammont ta' €519, 850 ser jintefaq fuq il-voti taħt Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra u €163, 500 ser tkun l-ispiża fuq Salarji.

Fis-sena 2014 qed jiġi previst illi l-allokazzjoni mill-Gvern mistennija tibqa' prattikament l-istess u għalhekk mistennija allokazzjoni ta' madwar €698,000. Taħt il-*Public Private Partnership Scheme* il-Kunsill ser ikun qed idaħħal lura għajnuna finanzjarja tal-Gvern għal xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq li issa tlestew kollha.

L-infiq għall-istess sena mistenni jkun ta' €863, 400. Din l-ispiża ser tkun maqsuma kif ġej : €168,750 fuq Salarji, €531,150 fuq Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra u €163, 500 fuq Infiq Kapitali.

Fis-sena 2015 l-allokazzjoni mill-Gvern mistennija ukoll tiżdied bi ftit u għalhekk qed tiġi prevista allokazzjoni ta' €699,000. L-infiq għall-istess perjodu mistenni jkun ta' €772, 300.

Din l-ispiża ser tkun maqsuma kif ġej : €171,450 fuq Salarji, €537,350 fuq Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra, filwaqt li €63, 500 ser imorru fuq Infiq Kapitali.

Quinton Scerri
Sindku

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

## 2.1 L-Istqarrija tal-Missjoni

Bi pjan li jpoġġi r-residenti fiċ-ċentru tal-ħidma tiegħu, il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar jfittex li jindirizza l-ħtiġijiet u jilħaq l-aspettattivi tar-residenti.

## 2.2 Il-Valuri

Il-ħidma tal-Kunsill Lokali hija bbażata mill-valuri:

1. **Tal-inklusivita`** f'dik li hija ħidma kulturali, ambjentali, infrastrutturali, edukattiva u sportiva.
2. **Tal-Impenn Soċjali**, fejn kull ċittadin jingħata importanza mingħajr distinzjonijiet ta' sess, razza jew abilta'.
3. **Tal-Effiċjenza u Akkontabilita`**, fejn il-ħidma kollettiva tkun waħda li tfittex li ttejjeb is-servizzi offruti mill-Kunsill u jiġi assigurat l-aħjar valur għall-flus minfuqa.

### 3.1 L-Għanijiet u r-Rizultati Mistennija matul is-snin 2011-2013

| L-Għanijiet | Ir-Riżultati Mistennija |
| --- | --- |
| Li ntejbu s-servizz tal-'customer care' b'mod speċjali billi nżiedu l-**effiċjenza** biex l-ilmenti tal-pubbliku jiġu ndirizzati b'mod aktar effettiv. | L-għan hu li ċ-ċittadini jħossuhom parti mill-komunità u li jingħataw l-aħjar servizz possibbli. |
| Li nkomplu nħeġġu l-**parteċipazzjoni** attiva taċ-ċittadini Żabbarin fil-ħidma tal-Kunsill. | Li l-proġetti proposti jiġu attwati bl-involviment tal-istess ċittadini kif ukoll tal-għaqdiet lokali |
| Li **ngħollu** u **ntejbu** l-livell soċjali, edukattiv, kulturali u sportiv fil-lokal tagħna. | Li jitwettqu numru ta' proġetti fl-oqsma soċjali, edukattivi, kulturali u sportivi. |
| Attitudni intraprenditorjali fl-immaniġjar tal-fondi pubbliċi bil-għan li tiżdied l-**effiċjenza** u l-**effettivita`**. | Ikomplu jiġu analizzati l-prattiċi imħaddma sa issa fil-Kunsill, u fejn il-Kunsill jara li huma applikabbli, jiġu mplimentati r-rakkomandazzjonijiet għal titjib li jinħarġu minn din l-analiżi. Barra minn hekk, isir użu aħjar tal-iskemi li jinħarġu mill-Gvern u l-opportunitajiet ta' finanzjament minn programmi tal-Unjoni Ewropeja. |
| Li jikber in-numru ta' ċittadini li jieħdu interess fil-ħidma u l-programmi tal-Unjoni Ewropea. | Li jkun hemm aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea u l-programmi li toffri. |
| Strateġija ċara, mwettqa b'ħidma effettiva fuq dak li għandu x'jaqsam mal-ġbir ta' skart separat. | Inqas skart solidu li jiġi mitfugħ fil-'landfill' billi inkomplu inħeġġu s-separazzjoni tal-iskart u b'hekk jiġu frankati l-flus li jistgħu jiġu utilizzati għal skopijiet u proġetti oħra. |

**3.3 L-Istrateġiji** L-għanijiet tal-Kunsill jistgħu jintlaħqu biss jekk ix-xogħol isir kif ippjanat billi jingħarfu kemm l-opportunitajiet li jeżistu kif ukoll il-limitazzjonijiet li l-Kunsill għandu.

Kif jidher fir-rapport finanzjarju li qed jiġi ppreżentat f'dan il-pjan, il-finanzi tal-Kunsill huma limitati ħafna. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kunsill qed ifittex mezzi alternattivi biex isib finanzjament għal ċerti proġetti. Dan ser isir billi:

1. Issir ħidma għaqlija biex possibilment jinġiebu fondi minn kull skema li joħroġ il-Gvern Ċentrali li għaliha jkun eliġġibli l-Kunsill.
2. Issir ħidma biex jinġiebu fondi minn programmi tal-Unjoni Ewropea.
3. Jiġu esplorati modi ta' kif jitnaqqas l-infiq tal-Kunsill mingħajr ma titnaqqas l-kwalità tas-servizz offrut.

Filwaqt li kull xogħol li jsir jirrikjedi l-finanzi biex isir, hemm bżonn ukoll il-parteċipazzjoni ta' dawk kollha li għandhom xi ħaġa x'joffru. Għaldaqstant il-Kunsill ikompli jikkonsulta mal-pubbliku fuq l-operat tiegħu. Dan jista' ikun possibbli biss jekk iċ-ċittadini Żabbarin jinvolvu ruħhom f' dan il-proċess ta' konsultazzjoni.

Kull ħidma, biex tkun effettiva, trid tkun miftuħa għall-bidla. Għalhekk il-Kunsill għandu jevalwa, iqabbel u jkejjel il-ħidma li tkun qiegħda ssir mal-għanijiet u l-istrateġija li hawn elenkati f'dan il-pjan.

Fl-aħħar irid isir koordinament biex dan il-pjan li qed jiġi propost isir b'mod ħolistiku.

Għaldaqstant l-istrateġija ser tkun ibbażata fuq erba' binarji li huma:

| |
|---|
| Fondi supplimentari |
| Konsultazzjoni pubblika |
| Evalwazzjoni |
| Koordinament |

**4.1 L-Organizzazzjoni** Għas-snin li ġejjin l-istruttura tal-organizzazzjoni amministrattiva trid tkompli tkun kompattibbli mal-funzjonijiet tal-Kunsill.




Id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Kunsill wara li dan jikkunsidra r-rapporti, l-ilmenti u s-suġġerimenti tal-pubbliku.

Is-Segretarju Eżekuttiv jimplimenta d-deċiżjonijiet bl-għajnuna tal-Assistenti Amministrattivi u l-Uffiċjali Eżekuttivi.

## 4.2 Attivitajiet Ġenerali

Qed jiġi kontemplat li matul is-snin 2013 u 2014 il-Kunsill ser ikun qed iwettaq xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq kif ukoll proġetti oħra ta' natura kapitali.

Fis-sena 2015 l-proġetti ta' natura kapitali mistennija jonqsu u dan minħabba l-fatt li matul is-sena ta' qabel il-Kunsill ser ikun wettaq xogħol li l-ispiża għalih mistennija tlaħħaq aktar minn €63, 500.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

## *5.0 It-Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment*

### 5.1 Tbassir Finanzjarju għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2013 € | STIMA 2014 € | STIMA 2015 € | STIMA 2013-2015 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dhul** | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 719,746.00 | 718,000.00 | 719,000.00 | 2,156,746.00 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 29,700.00 | 29,700.00 | 29,700.00 | 89,100.00 |
| 0090 | L-Investiment | 600.00 | 500.00 | 500.00 | 1,600.00 |
| 0100 | Generali | 200.00 | 200.00 | 200.00 | 600.00 |
| | TOTAL | **750,246.00** | **748,400.00** | **749,400.00** | **2,248,046.00** |
| 1 | **L-Infiq** | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 163,500.00 | 168,750.00 | 171,450.00 | 503,700.00 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xoghlijiet ohra | 519,850.00 | 531,150.00 | 537,350.00 | 1,588,350.00 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 287,500.00 | 163,500.00 | 63,500.00 | 514,500.00 |
| | TOTAL | **970,850.00** | **863,400.00** | **772,300.00** | **2,606,550.00** |
| | BILANC FAVUR / (KONTRA) | **(220,604.00)** | **(115,000.00)** | **(22,900.00)** | **(358,504.00)** |
| | X'KELLNA QABEL | 489,591.88 | 268,987.88 | 153,987.88 | 489,591.88 |
| | X'GHANDNA ISSA | 268,987.88 | 153,987.88 | 131,087.88 | 131,087.88 |

## Noti:

Fis-snin 2013 u 2014, l-ispiża totali tal-Kunsill ser tkun qed teċċedi d-dħul b'mod sostanzjali. Dan għar-raġuni li fis-sena 2013 ser ikunu tlestew ix-xogħlijiet kollha ta' *resurfacing* taħt il-PPP u l-ispiża totali ta' dan ix-xogħol ser ikun qiegħed jitħallas fuq medda ta' tminn snin. L-ispiża taħt Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra mistennija tiżdied kull sena għalkemm din iż-żieda ser tkun waħda limitati ħafna.

### 5.3 Tbassir tad-Dħul għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2013 € | STIMA 2014 € | STIMA 2015 € | STIMA 2013-2015 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dhul** | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | |
| 0001 | Annwali | 697,538.00 | 698,000.00 | 699,000.00 | 2,094,538.00 |
| 0002 | Supplimentari | | | | |
| 0003 | Bzonnijiet Specjali | | | | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubblici/Governattivi | | | | |
| 0015 | Hwejjeg ohra | 22,208.00 | 20,000.00 | 20,000.00 | 62,208.00 |
| | | **719,746.00** | **718,000.00** | **719,000.00** | **2,156,746.00** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 10,500.00 | 10,500.00 | 10,500.00 | 31,500.00 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 18,000.00 | 18,000.00 | 18,000.00 | 54,000.00 |
| 0056 | Ghotjiet Sponsorjali | 200.00 | 200.00 | 200.00 | 600.00 |
| 0066 | Generali | 1,000.00 | 1,000.00 | 1,000.00 | 3,000.00 |
| | | **29,700.00** | **29,700.00** | **29,700.00** | **89,100.00** |
| **0090** | **L-Investiment** | | | | |
| 0091 | Imghax tal-Bank | 600.00 | 500.00 | 500.00 | 1,600.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | |
| | | **600.00** | **500.00** | **500.00** | **1,600.00** |
| **0100** | **Generali** | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | | | | |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 200.00 | 200.00 | 200.00 | 600.00 |
| | | **200.00** | **200.00** | **200.00** | **600.00** |
| | | **750,246.00** | **748,400.00** | **749,400.00** | **2,248,046.00** |

**Noti:**

Id-dħul fis-sena 2013 mistenni jkun ta' €750,246. F'din is-sena qed jiġi stmat li l-Kunsill ser ikun qed idaħħal madwar €22,208 taħt il-vot Ħwejjeġ Oħra li ġejjin minn skemi tal-Gvern.

Id-dħul fis-sena 2014 mistenni jkun ta' €748, 400. F'din is-sena mistenni jkun hemm dħul mill-*Public Private Partnership Scheme* għal xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq li tlesta.

Fis-sena 2015 id-dħul totali qed jiġi stmat li jkun ta' €749, 400.

## 5.4 Tbassir ta' l-Infiq għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2013 € | STIMA 2014 € | STIMA 2015 € | STIMA 2013-2015 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | L-Infiq | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku / Kunsilliera | 20,250.00 | 20,900.00 | 21,000.00 | 62,150.00 |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 113,000.00 | 114,000.00 | 115,000.00 | 342,000.00 |
| 1300 | Bonus | 4,600.00 | 4,600.00 | 4,600.00 | 13,800.00 |
| 1400 | Dhul Supplimentari | 7,800.00 | 7,900.00 | 8,000.00 | 23,700.00 |
| 1500 | Kontribuzzjonijet tas-Sigurtà Soċjali | 11,000.00 | 14,000.00 | 15,000.00 | 40,000.00 |
| 1600 | Koncessjonijiet ('Allowances') | 1,850.00 | 1,850.00 | 1,850.00 | 5,550.00 |
| 1700 | Sahra | 5,000.00 | 5,500.00 | 6,000.00 | 16,500.00 |
| | | **163,500.00** | **168,750.00** | **171,450.00** | **503,700.00** |
| **2000** | Manutenzjoni u Xoghlijiet ohra | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bzonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 15,000.00 | 16,000.00 | 17,000.00 | 48,000.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 2,000.00 | 2,300.00 | 2,500.00 | 6,800.00 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 70,000.00 | 70,000.00 | 70,000.00 | 210,000.00 |
| 2400 | Kera | 1,000.00 | 1,000.00 | 1,000.00 | 3,000.00 |
| 2500 | Shubija f'Ghaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 400.00 | 600.00 | 600.00 | 1,600.00 |
| 2600 | Spejjez ta' l-Ufficcju | 7,500.00 | 8,000.00 | 8,000.00 | 23,500.00 |
| 2700 | Trasport | 3,500.00 | 4,000.00 | 4,000.00 | 11,500.00 |
| 2800 | Safar u vvjaggar | 3,000.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 9,000.00 |
| 2900 | Taghrif lill-Publiku | 8,000.00 | 8,000.00 | 8,000.00 | 24,000.00 |
| 3000 | Spejjez ta' Kuntratti | 360,200.00 | 370,000.00 | 375,000.00 | 1,105,200.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 8,500.00 | 9,000.00 | 9,000.00 | 26,500.00 |
| 3200 | Tahrig | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,000.00 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 35,750.00 | 35,000.00 | 35,000.00 | 105,750.00 |
| 3400 | Spejjez ohra li jinqalghu | | 250.00 | 250.00 | 500.00 |
| 3600 | Spejjez tal-Gwardjani Lokali | 3,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 7,000.00 |
| | | **519,850.00** | **531,150.00** | **537,350.00** | **1,588,350.00** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | |
| 7100 | Bini | | | | |
| 7200 | Titjib | 10,000.00 | 10,000.00 | 10,000.00 | 30,000.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 3,500.00 | 3,500.00 | 3,500.00 | 10,500.00 |
| 7500 | Progetti Specjali | 274,000.00 | 150,000.00 | 50,000.00 | 474,000.00 |
| | | **287,500.00** | **163,500.00** | **63,500.00** | **514,500.00** |
| | TOTAL | **970,850.00** | **863,400.00** | **772,300.00** | **2,606,550.00** |

## Noti:

Il-proġetti li mistennija jsiru fis-sena 2014 ser ikunu *resurfacing* ta' toroq, titjib fil-*playing field* u r-rijabilitazzjoni tax-xelter ta' Misraħ is-Sliem. B'hekk minbarra li jtejjeb il-qasam infrastrutturali il-Kunsill ser ikun qiegħed isaħħaħ l-identita kulturali u tradizzjonali ta' Ħaż-Żabbar.

Fis-sena 2015 il-Kunsill ser ikun qiegħed inaqqas l-infiq peress illi l-Kunsill ser ikun qed inaqqas n-nefqa tiegħu.

## 6.1 It-Tbassir dwar l-Iżvilupp Kapitali għal Tliet Snin

| Nru. tal-Progett | Infieq Kapitali<br>Deskrizzjoni tal-Progett | 2013 KONT € | 2013 PROGETT € | 2014 KONT € | 2014 PROGETT € | 2015 KONT € | 2015 PROGETT € | 2013-2015 TOTAL TAL-KONT € |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7001 | **Xiri ta' Propjeta** | | | | | | | |
| 7100 | **Bini u Kostruzzjoni** | | | | | | | |
| 7200 | **Titjib** | 10,000.00 | | 10,000.00 | | 10,000.00 | | 30,000.00 |
| | Sinjali tat-traffiku u Ismijiet ta' Toroq | | 2,000.00 | | 2,000.00 | | 2,000.00 | |
| | Titjib Urban | | 2,500.00 | | 2,500.00 | | 2,500.00 | |
| | Bozoz Godda | | 5,000.00 | | 5,000.00 | | 5,000.00 | |
| | Sigar | | 500.00 | | 500.00 | | 500.00 | |
| 7300 | **Makkinarju u Apparat** | 3,500.00 | | 3,500.00 | | 3,500.00 | | 10,500.00 |
| | Makkinarju | | 3,500.00 | | 3,500.00 | | 3,500.00 | |
| 7500 | **Progetti Specjali** | 274,000.00 | | 150,000.00 | | 50,000.00 | | 474,000.00 |
| | Road Resurfacing | | 241,000.00 | | 100,000.00 | | 50,000.00 | |
| | Has-Sajjied | | 33,000.00 | | 50,000.00 | | | |
| | **TOTAL Progetti Godda** | 287,500.00 | | 163,500.00 | | 63,500.00 | | 514,500.00 |